MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2007

Numru. 81/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Oman Galea ta’ 15-il sena, bin Regina Galea, imwieled Pieta’, nhar 22/11/1991, residenti fil-fond 32, Triq l-Isptar,**
**Fontana, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 62092(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Oman Galea li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, gewwa Triq Ghammar, Ghasri, Ghawdex,

a) nhar is-07 ta’ Ottubru, 2007, ghal habta tas-01:00hrs ta’ fil-ghodu seraq diversi affarijiet tad-deheb, ghad-

detriment ta' Peter Portelli, liema serq huwa aggravat bil-valur, hin, mezz u persuna;
b) nhar it-23 ta' Lulju, 2007, seraq Lm400.00 ghad-detriment ta' Peter Portelli, liema serq huwa aggaravat bil-valur, hin, mezz u persuna;
c) ukoll talli seraq rota ta' lewn ahmar, ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex dana l-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara illi l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jikkunsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-eta' ta' l-imputat, il-fedina penali tieghu u l-fatt ili huwa kkollabora mal-Pulizija tant illi refurtiva giet irkuprata u anke l-oggetti tad-deheb misruqa gew ritornati lid-derubat Peter Portelli;

Illi l-Qorti sejra fuq kollox tiehu in konsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Probation Officer Chantalle Avellino nominata minn din il-Qorti sabiex taghmel rapport ai termini ta' l-Artikolu 7 (2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, liema rakkomandazzjonijiet jinsabu spjegati a fol. tlieta u ghoxrin (23) ta' l-atti processwali;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 37, 261, 263, 267, 268, 270, 280 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba

kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti qeghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' zmien li jkun qieghed taht dina l-ordni ta' probation;

Il-Qorti qeghda tordna illi kopja ta' dina s-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------